



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15909/23

LIMITE

UD 276  
CODEC 2252  
ENFOCUSTOM 160  
ECOFIN 1272  
MI 1031  
COMER 144  
TRANS 530  
FISC 270

Fajls Interistituzzjonali:  
2023/0156(COD)  
2023/0157(NLE)

#### NOTA PUNT "I/A"

|          |                                                                      |
|----------|----------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                     |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                        |
| Suġġett: | Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali<br>- Rapport mill-Presidenza |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness għal din in-nota r-rapport tal-Presidenza rigward il-ħidma fuq il-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali.

Huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex jieħu nota tar-rapport tal-Presidenza li jinsab fl-Anness għal din in-nota, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

**RAPPORT MILL-PRESIDENZA SPANJOLA LILL-ECOFIN DWAR IL-ĦIDMA FIL-KUNSILL DWAR IL-PAKKETT TA' RIFORMA TAL-UNJONI DOGANALI****Introduzzjoni**

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ħidma u l-progress fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Spanjola dwar il-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali.

Ta' min ifakkar li fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ressqet proposti għall-aktar riforma komprensiva tal-Unjoni Doganali tal-UE sa mit-twaqqif tagħha fl-1968.

Il-Kummissjoni ppreżentat Pakkett għar-Riforma Doganali li fih it-testi li ġejjin:

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-riforma Doganali: Inwasslu lill-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss. Dokument ST 9622/23.
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dokument ST 9596/23 + ADD1 + ADD2 + ADD3 + ADD4.
- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali. Dokument ST 9625/23 + ADD1.
- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni. Dokument ST 9638/23.

## **Dibattitu ta' orjentazzjoni ECOFIN tal-14 ta' Lulju 2023**

L-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett ta' riforma sar matul l-ewwel laqgħa tal-ECOFIN (Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) tal-Presidenza Spanjola fl-14 ta' Lulju 2023.

Minħabba li dakinhar ma kinux disponibbli t-traduzzjonijiet kollha għal-lingwi tal-UE tal-pakkett sħiħ, il-Presidenza bbażat din l-ewwel analiżi u dibattitu dwar il- "Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-riforma doganali: Inwasslu l-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss "li fiha, tiġbor fil-qosor, u tiddekrivi l-elementi ewlenin u l-karatteristiċi ewlenin tal-proposta. Għal dak l-għan, il-Presidenza ħejjiet nota dwar l-aspetti differenti ta' din ir-riforma tal-unjoni doganali tal-UE għall-konsiderazzjoni mill-ministri.

Il-ministri tal-ECOFIN ġew mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-aspetti ewlenin tal-pakkett kif jidhru fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, huma ġew mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar l-oġettivi tar-riforma u dwar il-valur miżjud tal-miżuri ewlenin tal-proposta.

## **Preżentazzjonijiet u diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali (CUWP)**

Wara d-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-ECOFIN, il-Presidenza Spanjola bdiet l-eżami tal-pakkett ta' riforma tal-unjoni doganali fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali (CUWP).

Biex tindirizza riforma wiesgħa bħal din, il-Presidenza qieset li kien meħtieġ li tiadotta metodoloġija adatta biex tstruttura d-diskussjoni u l-analiżi. Il-Presidenza (flimkien mal-Belġju u l-Ungerija bħala membri tat-Triju) iddeċidiet li l-aħjar approċċ kien li tirraggruppa l-analiżi skont blokk tematiki, li ġew identifikati bħala dawn li ġejjin skont il-kontenut u l-elementi differenti tal-proposti tal-Pakkett ta' Riforma:

- Proċessi Doganali
- Kummerċ elettroniku
- Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE
- Miżuri restrittivi, ġestjoni tal-kriżijiet, kooperazzjoni, ġestjoni tar-riskju u Awtorità Doganali tal-UE
- Ksur doganali

Il-Presidenza ddedikat parti kbira mir-riżorsi tal-ħin disponibbli tagħha għall-preżentazzjoni u l-analiżi, bl-appoġġ tekniku tal-Kummissjoni Ewropea, tal-blokok differenti.

Għal dan l-għan, il-Presidenza pprevediet tliet laqgħat regolari tas-CUWP kull xahar, CUWP informali dwar il-governanza tal-unjoni doganali u Seminar ta' Livell Għoli dwar il-kummerċ elettroniku għad-Diretturi Ġenerali tad-Dwana.

Il-metodu kien jikkonsisti fi preżentazzjonijiet mill-Kummissjoni (DĠ TAXUD) ta' kull wieħed mill-blokok definiti, flimkien mal-analiżi tal-parti tal-valutazzjoni tal-impatt imsemmija għal kull blokk. Dan l-approċċ ta opportunità wiesgħa lill-Istati Membri biex jesprimu kummenti, tħassib u dubji dwar il-kontenut tal-proposta, filwaqt li ta wkoll l-opportunità lid-DĠ TAXUD biex jispjega u jagħti tweġibiet għal dan it-tħassib inizjali ewlieni u d-dubji preliminari. Il-Presidenza ddedikat il-laqgħat fit-12 u d-19 ta' Lulju u fis-7, l-14 (CUWP informali), it-22 u t-28 ta' Settembru għal dawn il-preżentazzjonijiet.

Ladarba dan l-istadju inizjali tlesta, il-laqgħat li fadal kienu ddedikati biex tinbeda d-diskussjoni, artikolu b'artikolu, tal-proposti leġiżlattivi li jalternaw l-ewwel żewġ blokok; jiġifieri; proċessi doganali (laqgħat fl-4 u l-11 ta' Ottubru u fis-6 u l-15 ta' Novembru) u l-Kummerċ elettroniku. Il-Presidenza ospitat u organizzat, flimkien mal-Kummissjoni, Seminar ta' Livell Għoli dwar il-kummerċ elettroniku biex id-Diretturi Ġenerali jingħataw l-opportunità li jipprovdu kontribut ta' livell għoli dwar il-kummerċ elettroniku. Wara s-Seminar ta' Livell Għoli, li sar fis-17 u t-18 ta' Ottubru, is-CUWP iddiskuta l-kummerċ elettroniku dwar il-laqgħat tal-25 ta' Ottubru u l-15 ta' Novembru.

Fl-abbozzar ta' din in-nota, il-laqgħat li fadal tas-CUWP u l-kontenut previst tagħhom huma dawn li ġejjin:

- CUWP fit-22 ta' Novembru; proċessi doganali
- CUWP fid-29 ta' Novembru; Ċentru tad-Data Doganali tal-UE, minn prospettiva teknika tal-IT
- CUWP fl-4 ta' Diċembru; proċessi doganali
- CUWP fl-11 ta' Diċembru; Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE
- CUWP fl-19 ta' Diċembru; proċessi doganali

## **Eżiti ewlenin tal-ewwel diskussjonijiet**

Minħabba t-tul u l-komplessità tal-proposta, din l-ewwel diskussjoni serviet fundamentalment ta' kjarifika tal-elementi l-ġodda meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali. L-Istati Membri ġew mistiedna jifformulaw il-kummenti ewlenin tagħhom bil-miktub ukoll, li jippermettu li l-kummenti li saru dwar kull artikolu jiġu kkonsolidati sistematikament, li ser jiffaċilita l-iżvilupp sussegwenti tad-diskussjonijiet dwar dan il-fajl importanti.

Il-Presidenza Spanjola kopriet l-ewwel diskussjoni fil-Kunsill tal-artikoli kollha fil-blokk dwar il-kummerċ elettroniku.

---